MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2003

Avvi$Z Numru. 1822/1998/1

Avviz Nru  1822/98DM

Livia Muscat

vs

Johan Aquilina

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-attrici talbet il-kundanna tal-konvenut sabiex jhallas is-somma ta’ seba’  mitt Lira Maltija (Lm700) lilu mislufa taht pretensjonijiet foloz.

Bl- ispejjez komprizi dawk tal-ittra interpellatorja u tal-ittra ufficjali datata 8 ta' Lulju 1998 u bl-imghaxijiet sal-gurnata tal-pagament effettiv kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Johan Aquilina fejn eccepixxa illi:

1 Kuntrarjament ghal dak li qed tghid l-attrici l-esponenti ma ssellef l-ebda flus minghandha, la taht pretenzjonijiet veri u lanqas taht pretenzjonijiet foloz. Ghalhekk l-ammont pretiz mhux dovut;
2 Salv eccezzjonijiet ohra.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Mill-provi prodotti mill-kontendenti ma jirrizultax li hemm kontestazzjoni dwar il-fatt illi l-attrici kienet tghat lill-konvenut, fit-tlett (3) okkazzjonijiet, somma komplessiva ta' Lm700 (seb' mitt lira Maltin) u jirrizulta infatti illi l-attrici kienet ghaddiet lill-konvenut somma ta' Lm500 (hames mitt lira Maltin) fi flus kontanti f'Novembru tal-1997 u in segwitu ghaddiet somma ohra ta' Lm100 (mitt lira Maltin) f'Jannar 1998 u somma ohra ta' Lm100 (mitt lira Maltin) fi Frar fl-1998.

Izda, waqt li l-attrici ssostni illi dawn kienet ghaddiethom bhala self minghajr ma saret ebda skrittura u minghajr ma kien gie stipulat ebda terminu f'liema zmien il-konvenut kellu jrodd il flus lura, il-konvenut issostni illi dawn l-ammonti kienu gew moghtija lilhu bhala donazzjoni.

Infatti l-konvenut jsosstni illi kien accetta dawn ir-rigali wara insistenza ta' l-istess attrici u anke kkonferma illi l-

attrici oltre li kienet effettivament ghamlet l-ewwel pagament ta LM500 direttament lilhu, kienet ghamlet l-ahhar zewg (2) pagamenti ta’ Lm100 (mitt lira Maltin) l-wiehed direttament lill-kreditur ta’l-istess konvenut, u zammet ukoll l-ircevuta.

Saret hafna enfasi mill-kontendenti dwar jekk huma kienux f’xi zmien gharrajjes jew almenu kienux f’xi zmien qed jipprospettaw li jizzewgu flimkien, u fil-waqt illi l-attrici issostni illi kellhom bejnithom relazzjoni serja li setghet twassal ghal zwieg, il-konvenut issostni illi ghalkemm ghamlu xi  zmien jiltaqghu regolarment bhala hbieb, qatt ma kellu ebda intenzjoni illi jkollu xi relazzjoni serja mal-attrici.  Infatti l-konvenut jemfasizza li kien anzi jintima’ lill-attrici li ma kellu ebda intenzjonijiet serji dwarha, u jikkontendi illi kien riluttanti li jaccetta l-flus ghaliex ma kellu l-ebda hsieb li jkollu relazzjoni serja mall-attrici. Ikompli jsosstni li kien effettivament spjegalha dan fl-okkazzjoni illi taghtu l-flus.

Pero’, ic-cirkostanzi li huma iktar rilevanti f’dan il-kaz, huma l-konkluzzjonijiet logici illi wiehed ghandhu johrog minn certi indizji li jirrizultaw mill-provi.

Huwa inverosimili illi persuna interessata f’relazzjoni serja timponi donazzjoni ta’ flus meta rinfaccjata b’rifjut assolut ta’ relazzjoni mill-parti l-ohra.  Huwa anke inverosimili illi l-parti l-ohra li kienet tant riluttanti li tircievi r-rigal, spiccat biex accettat ir-rigal u ma wassletx biex almenu accettat l-istess ammont bi ftehim ta’ self li ghalhekk kien jaghqdi kemm il-bzonnijiet  tal-konvenut kif ix-xewqa’ tal-attrici li tivvantaggjah.

Dawn huma fatturi illi huma iktar indikattivi ta’ ftehim ta’ self bla terminu milli ta’ donazzjoni.  Infatt anke il-fatt li dwar l-ahhar zewg (2)  pagamenti ta’ Lm100 (mitt lira Maltin) l-attrici ma rrilaxxjatx il-flus f’idejn il-konvenut izda hallset l-ammonti hi lill-bank kreditur tal-konvenut u hadet ghandha l-ircevuta relattiva jeskludi l-intenzjoni ta donazzjoni.

Inoltre ghandhom hafna rilevanza t-tentattivi li saru bejn il-kontendenti biex jittransigu din il-pendenza. Dan ghaliex qatt ma kien hemm ebda disgwid dwar il-fatt illi kellhom jigu rimborsati s-seba mitt lira Maltin (Lm700), imma t-transazzjonijiet ma sehhewx biss ghaliex ma sarx qbil jew fuq ir-rati mensili li kienu qed jigu proposti jew ukoll fuq l-ispejjez ancillari u imghax.

Inoltre jirrizulta illi meta l-marixxal, Alber Scicluna, kien mar jezegwixxi l-mandat ta’ Qbid Kawtelatorju kontra l-konvenut, dana kien offra illi jghamel pagament akkont tad-debitu tieghu u b’hekk irrikonnoxxa li kien debitur. Evidentement il-marixxal ma kienx awtorizzat li jikkunsidra proprosti u kien konsegwentement iddirega lill-konvenut biex jaghmel din il-propsota lill-kredittrici, l-attrici.

Ghaldaqstant minn dan il-kumpless tal-provi jirrizulta ampjament illi effettivament l-attrici kienet ghamlet il-pagamenti fis-somma komplessiva ta’ Lm700 (seba’ mitt lira Maltin) b’self lill-konvenut, anke tenut kont tal-insistenza tal-konvenut illi kien inekwivoku fil-messagg li ma ried ebda rilazzjoni serja li ghalhekk jimminimizza kull xewqa jew bzonn li jghaddu rigali ta’ certa entita’ bejn xulxin. Ghalhekk ukoll jirrizulta l-obbligu tal-konvenut li jirrestitwixxi lura lill-attrici din is-somma ta’ Lm700 (seba’ mitt lira Maltin).

Izda fis-self ma kienx gie miftiehem xi terminu ghall-ezekuzzjoni tal-obbligazzjoni tal-konvenut li jrodd il-flus lura u gha;hekk ghandhom japplikaw il-provvedimenti tal-Artikolu 1078 tal-Kodici Civili.

L-Artikolu 1078 tal-Kodici Civili jipprovdi li “jekk iz-zmien ghall-ezekuzzjoni tal-obbligazzjoni jkun gie mholli fir-rieda tad-debitur, jew jekk jkun gie miftihem illi d-debitur ghandhu jezegwixxi l-obbligazzjoni meta jkun jista’, jew meta hu jkollu l-mezzi biex jezegwiha, ghandhom jitharrsu r-regoli li gejjin:
(a) jekk l-obbligazzjoni ghandha bhala oggett taghha hlas ta’ somma ta’ flus, dik ghandha tigi ezegwita fi zmien sentejn jekk dik is-somma ghandha tinghata minghajr

imghax jew  fi zmien sitt (6) snin jekk is-somma ghandha tinghata bl-imghax".
Billi fil-kaz in ezami l-obbligazzjoni kellha bhal oggett taghha il-hlas ta' somma flus minghajr imghax, it-terminu ghal-ezekuzzjoni kellu jkun ta zmien sentejn (2) minn meta sar is-self.

Billi s-self kien sar bejn Novembru tal-1997 u Frar tal-1998, jirrizulta  illi l-attrici kienet intempestiva fl-azzjoni gudizzjarja kontra l-konvenut u pprezentat l-avviz fit-28 ta Settembeu 1998.

Izda billi l-lum definitivament skada t-terminu ghall-ezekuzzjoni tal-obbligazzjoni, u d-dritt ta' l-attrici li tezigi l-hlas immatura fil-mori ta' din il-kawza, l-Qorti, anke fin-nuqqas ta' xi eccezzjoni f'dan is-sens da parti ta' l-konvenut, qeghdha xorta' wahda tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex jirrifondi lill-attrici, s-somma mislufa ta' Lm700 (seba' mitt lira Maltin) oltre l-imghaxijiet legali li ghandhom jibdew jiddekorru b'effett minn l-ewwel ta' Marzu tas-sena 2000.

Ghal dak li jirrigwarda l-ispejjez minhabba dak li jinghad dwar l-intempestivita tal-attrici fl-esercizzju tal-azzjoni taghha, il-Qorti tordna illi l-ispejjez ghandhom jithallsu in kwantu ghal kwart (1/4) mill-attrici u (3/4) tlett kwarti mill-konvenut..

--------------------------------TMIEM--------------------------------